**30 ta’ Ġunju**

**Tifkira ta’**

L-EWWEL MARTRI TAL-KNISJA TA’ RUMA

Fl-ewwel persekuzzjoni kontra l-Knisja mqanqla mill-imperatur Neruni, wara l-ħruq ta’ Ruma fis-sena 64, bosta nsara ħadu l-martirju b’moħqrija kbira. Ta’ dan jagħtuna xhieda l-kittieb pagan Taċitu *(Annale,*15,44*)* u l-Papa Klement fl-ittra tiegħu lill-Korintin (kap. 5-6)

Mill-Komun tal-martri...

**Fit-Tifħir ta’ sbiħ il-jum**

Ant. tal-kant. ta’ Żakkarija Kotra bla qjies ta’ martri baqgħu magħquda bejniethom fl-imħabba bħal aħwa, għax kellhom spirtu wieħed u fidi waħda.

Talba

O Alla, int ikkonsagrajt bid-demm tal-martri l-ewwel ġmiegħi kotrana tal-Knsija ta’ Ruma; agħtina li nitwettqu bil-qawwa u l-ħila li dawn il-martri qalbiena wrew fit-taqbida, u li nifirħu dejjem bir-rebħa qaddisa tagħhom. B’Ibnek.

**Fil-Għasar**

Ant. tal-kant. ta’ Marija Ħabbew lil Kristu f’ħajjithom, u saru jixbhuh f’mewthom għalhekk isaltnu miegħu għal dejjem.